MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 148/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Josef Grech ID-267081M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2010, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,161.47c (elf, mija u wiehed u sittin ewro u sebgha u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 415670 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 31 ta' Ottubru 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta Marzu 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro1,161.47c (elf, mija u wiehed u sittin ewro u sebgha u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------